MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2008

Numru 479/2006

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 15 ta' Mejju 2008.**

**Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa'**

**Vs**

**Carmen Zammit**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Carmen Zammit ta' 43 sena, bint Costantino u Aida nee' Brown, imwielda Paola, fit-22 t'a Settembru 2964, residenti fl-indirizz "Mediterranean Court", Numru 10, Triq Bilbel, Qawra, bin-numru tal-karta ta' l-Identita' 471764 M;

Talli fis-7 ta' Marzu 2005, u fi zminijiet ta' qabel, f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex ggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' Lm530 bi hsara ta' Charlot Schembri;

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali, jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.  Jew aktar xjentement ghamlet uzu minn dawn id-dokumenti hekk falsifikati.

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, saqet vettura numru JBA 414 ta' ghamla Peugeot minghajr ma' kienet licenzjata mill-Pulizija jew mill-

Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta biex tintuza fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda);

Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda, saqet vettura numru JBA 414 ta’ ghamla Peugeot, minghajr ma’ kienet koperta b’polza tas-sigurta’ dwar riskji tat-terzi persuni.

Rat l-Artikoli 18, 183, 184, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 15 (1)(a)(3) tal-Kapitolu 65, ir-Regolament 14(1) tal-Avviz Legali 476/2004, u l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104.

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokument ezebiti;

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi prodotti l-Qorti m’ghandha ebda dubju li l-imputata ghandha tinsab hatja ta’ dawn l-imputazzjonijiet kontra taghha. Il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni wrew bic-car li l-imputata approfittat ruhha mill-ingenwita’ tal-vittma u wettqet ir-reati dedotti. Meta xehdet in difesa, hi ittentat tezimi ruhha mill-htija, pero’ ma tat ebda spjegazzjoni plawsibbli jew veritjiera sabiex tiskolpa lilha nfisha. Kwantu ghall-piena, il-Qorti tara li l-imputata m’ghandhiex fedina penali reffrattarja, u ghalhekk ghal din l-okkazjoni sejra tkun miti fl-ghoti tal-piena kontra taghha, u ma tapplikax piena ta’ prigunerija effettiva.

**Illi ghal dawn il-motivi;**

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija Carmen Zammit hatja ta’ l-imputazzjonijiet kif dedotti u tikkundannaha ghal perijodu ta’ sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin, ai termini ta’ l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Lijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputata.

ANTHONY J VELLA
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------